MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.**

Seduta ta' nhar it-28 ta' April 2025

Avviż Numru: 333/2021NHV

**Montaldo Insurance Agency Limited** (C1052)
bħala aġenti u in rappreżentanza tas-soċjetà Mapfre Middlesea plc

**vs**

**Gail Darmanin** (K.I.0166185M)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat nhar id-29 ta' Novembru 2021[1], li permezz tiegħu, is-soċjetà rikorrenti talbet lill-intimata tgħid għaliex m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħamest elef u tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€5,395.45), in kwantu għal ħamest elef u tliet mitt Ewro (€5,300) rappreżentanti telf totali saldat fuq il-vettura ta' terza persuna bin-numru ta' reġistrazzjoni DBQ-226; in kwantu għal sitt Ewro u disgha u disghin centezmu (€6.99) għar-rapport tal-Pulizija; in kwantu għal tmintax-il Ewro u sitta u erbghin centeżmu (€18.46) għas-spejjeż tal-gwardjan; in kwantu għall-ammont ta'

[1] Fol 1 tal-proċess

ħamsa u tletin Ewro (€35) spejjeż għas-survey tal-vettura ta' terza persuna bin-numru ta' reġistrazzjoni DBQ-226, u in kwantu għall-ammont ta' ħamsa u tletin Ewro (€35) spejjeż ghas-survey tal-vettura tal-intimata bin-numru ta' registrazzjoni ACQ729, liema ammont jirrappreżenta bilanċ tal-prezz dovut mill-intimata għall-danni u spejjeż kkaġunati lir-rikorrenti, meta fil-25 ta' Awissu 2021 fi Triq San Anard, Tarxien waqt li l-intimata kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACQ729 tal-marka Suzuki, assigurata ma' Mapfre Middlesea plc, ħabtet ġol-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBQ-226 tal-marka Toyota u dan minħabba negliġenza, traskuraġni, imprudenza u non-osservanza tar-Regolamenti relattivi da parti tal-intimata.

Is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll l-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali numru 2830/2021 datata 9 ta' Novembru 2021, fl-ismijiet 'Montaldo Insurance Agency Limited vs Gail Darmanin' u l-imgħaxijiet skont il-liġi dekorribbli mid-data tal-inċident sad-data tal-pagament effettiv.

L-intimata ġiet ukoll inġunta mis-soċjetà rikorrenti, tidher għas-subizzjoni.

Rat li din il-kawża tqiegħdet fuq il-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu fis-seduta tas-16 ta' Frar 2022 b'digriet tas-17 ta' Jannar 2022.[2]

Rat li mill-atti jirriżulta li l-partijiet kollha ġew debitament **notifikati** bl-avviż, kif ukoll bl-avviż tas-smigħ.[3]

Rat ir-**Risposta** tal-intimata, ippreżentata nhar il-15 ta' Frar 2022[4], li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet billi eċċepiet:

> "*Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jispetta lill-attriċi illi tipprova skont il-liġi dak kollu allegat minnha, inkluż l-ammont pretiż*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
>
> *Bl-ispejjeż.*"

[2] Fol. 3 tal-proċess;
[3] Fol. 5 tal-proċess;
[4] Fol 10 tal-proċess

Rat li din il-Qorti diversament presjeduta ddekretat wara li rat l-Artikolu 171A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet lill-partijiet, li m kienx hemm lok prima facie sabiex din il-kawża tiġi riferuta għall-medjazzjoni u b'hekk ordnat il-prosegwiment tal-kawża.[5]

Rat l-**assenjazzjoni**[6] tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-intimata, magħmula waqt l-udjenza ta' nhar il-15 ta' Marzu 2024,[7] li ma kellha l-ebda oġġezzjoni li din il-kawża tipprosegwi quddiem din il-Qorti kif preseduta, wara li din il-Qorti kif preseduta rrilevat li minkejja li hija kienet taħdem mas-soċjetà MAPFRE Middlesea p.l.c. li tagħha hija aġenta s-soċjetà attriċi, hi qatt ma tat pariri dwar dan il-każ mertu ta' dawn il-proċeduri.

Rat il-**provi kollha mressqa mis-soċjetà rikorrenti**.

Joseph Cassar, Senior Claims Handler – autoclaims department, in rappreżentanza ta' Montaldo Insurance Agency Limited[8] ippreżenta prospett voluminuż b'diversi dokumenti[9] li jinkludu rapporti tal-inċident, korrispondenza, ritratti, skizz u stimi. Huwa spjega li l-inċident seħħ nhar il-25 ta' Awwissu 2021 fejn kienet involuta l-karozza ACQ729 assigurata ma' Montaldo Insurance permezz ta' polza comprehensive f'isem Gail Darmanin. Jgħid li d-daqqa kienet waħda sostanzjali biż-żewġ karozzi kienu total loss. Jispjega li meta kellem lill-intimata dwar l-inċident hi kienet qaltlu li ma kientx xurbana jew taħt l-effett ta' xi sustanza. Huwa qal li fir-rapport tal-Pulizija kien irriżulta li kien sar test tan-nifs biex jaraw il-livell tal-alkoħol, u deher li kien ogħla minn dak li għandu jkun u li kienu se jittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-intimata.

Ix-xhud għamel elenku tal-provi dokumentarji li ppreżenta, u jgħid li s-soċjetà intimata kienet ħallset €5500 lit-terz li sofra l-ħsarat fil-vettura li kienet parkeġġjata. Jgħid li minn din is-somma huma rkupraw €200. Huwa spjega li s-soċjetà rikorrenti kienet

[5] Fol. 8 tal-proċess;
[6] Fol 306 sa 309 tal-proċess;
[7] Fol.314 tal-proċess;
[8] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar id-09 ta' Mejju 2022, a fol. 14 sa 19 tal-proċess;
[9] Fol. 20, 80 sa 192 tal-proċess;

ħallset €5395.45 sal-mument li saru jafu li kienu se jittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-intimata.

In kontro-eżami huwa xehed li kien sar kuntatt minn Laferla Insurance, partikolarment Dylan Adams li huwa fil-*medical department*, iżda ma kellux risposta dwar jekk il-pretenzjoni għall-ħlas ta' danni da parti tal-klijent ta' Laferla Insurance kenitx relatata ma' dan l-inċident, peress li Laferla ma kienux komplew jinsistu fuq din il-*claim*. Jikkonferma li Montaldo Insurance kienet laħqet ħalset lit-terz qabel ma saret taf li sar it-test tal-breathalyzer. Meta saret riferenza għall-proċeduri kriminali x-xhud jgħid li huwa ma kienx jaf bl-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

B'riferenza għad-dokumenti ppreżentati minn dan ix-xhud, il-Qorti tosserva l-ispjegazzjoni tal-ammont kif mitlub permezz ta' dawn il-proċeduri li jinsabu a fol. 80 u cioe:
Warden Report – €18.46
Police report – €6.99
Survey report on defendant's car– €35
Discharge form – €5,500 (amount imħallas lil Casey Camilleri)
Sale of wreck (received €200)
Survey report fuq il-karozza ta' Casey Camilleri– €35

Rat ukoll ix-xiehda ta' Community Officer 554 Rodney Borg,[10] li għamel ir-rapport tal-inċident li seħħ fil-25 ta' Awwissu 2021 fi Triq San Anard, Ħal Tarxien, bejn il-vettura ACQ 729 u DBQ 226, u ppreżenta l-prime note tal-inċident u r-rapport bir-ritratti li ħa huwa stess. Huwa qal li għall-ħabta ta' nofs il-lejl u żewġ minuti daħal rapport biex imorru ġewwa Triq San Anard Ħal Tarxien ftit 'il fuq mill-ATM tal-BOV direzzjoni lejn tal-Barrani u meta waslu fuq il-post sabu żewġ vetturi maħbutin li t-tnejn kellhom ħsara kbira. Huwa qal li kien staqsew lin-nies li kienu fuq il-post jekk weġġax xi ħadd u li kienu qalulu li ma kien weġġa ħadd. Jgħid li kienu ħadu xi ritratti u telqu minn fuq il-post tal-inċident. Jgħid li l-partijiet involuti kienu Gail Darmanin u Kaisey Camilleri; fejn Camilleri kien qallu li l-vettura tiegħu kienet ipparkjata. Huwa jgħid li xogħolu huwa li jieħu r-rapport u mhux li jagħmel investigazzjonijiet ulterjuri dwar il-kawża. Meta mistoqsi mill-Qorti jekk jiftakarx kellimx lix-xufiera, huwa qal li ma jiftakarx.

Rat ix-xiehda ta' Maurice Azzopardi, Assessor[11] fejn huwa ppreżenta s-survey report li huwa għamel fuq talba tas-soċjetà rikorrenti fuq il-vettura DBQ 226 wara l-inċident stradali li seħħ nhar il-25 ta' Awwissu 2021 ġewwa Triq San Anard, Ħal Tarxien. Huwa

[10] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar id-09 ta' Mejju 2022, a fol. 21 sa 24 tal-proċess, flimkien mad-dokumenti – kopja tal-prime note u tar-rapport a fol 25 sa 37;
[11] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar id-09 ta' Mejju 2022, a fol. 38 u 39 tal-proċess, flimkien mad-dokumenti – kopja tas-survey report magħmul minnu a fol 40 sa 75;

qal li dik il-karozza soffriet ħsarat strutturali li ma jissewwewx. Huwa kkonferma li tħallas mingħand il-kumpanija Mapfre Middlesea Montaldo Insurance €35 inkluż il-VAT għal dan ir-rapport.

Rat li ġiet ippreżentata kopja tal-ittra uffiċċjali numru 2830/21 fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency bħala aġenti u in rappreżentanza tas-soċjetà assiguratriċi Mapfre Middlesea plc vs Gail Darmanin.[12]

Semgħet ix-xiehda ta' Mario Cumbo, Head of Assessors Mapfre Middlesea[13] fejn huwa qal li l-involviment tiegħu f'dan il-każ kien li jara kemm se jkun il-valur tal-ħlas li jiġi offrut bħala danni sofferti minn Camilleri fuq il-vettura tiegħu DBQ 226 a kawża tal-inċident mertu ta' din il-kawża. Huwa konferma li tħallset is-somma ta' €5,500, liema somma tirrappreżenta l-valur bejn wieħed u ieħor ta' karozza oħra simili ta' dik li sofriet il-ħsara minħabba l-inċident. Huwa jgħid li dan ġie bbażat fuq ir-rapport li kien ħejja Maurice Azzopardi.

Semgħet ix-xiehda ta' PS1405 Dylan Gerada li ppreżenta rapport tal-inċident stradali[14] fejn xehed li fil-25 ta' Awwissu 2021 għall-ħabta tal-11:12pm ġew infurmati li kien hemm ħabta fi Triq San Anard iż-Żejtun u kien hemm it-traffik imwaħħal. Jgħid li meta marru fuq il-post sabu lil Darminin, li kienet ix-xufier tal-vettura bin-numru ACQ729, u raw li ma kenitx fi stat tajjeb, infurmawha bid-drittijiet u peress li raw il-ħtieġa li jagħmlulha t-test tal-breathalyzer. Jgħid li Darmanin aċċettat tagħmel it-test li sar fil-11:12:44pm u rriżulta li kien 114.1ug/100ml, li kien juri li Darmanin kienet qabżet il-limitu preskritt ta' 22ug/100ml, u li għalhekk kien informa lil Darmanin li kienu se jittieħu proċeduri kriminali fil-konfont tagħha. Huwa qal li wara li sar dan it-test, huma kienu rreferew il-każ lill-wardens u l-Pulizija baqgħu fuq il-post sakemm sar ir-rapport tal-wardens bin-numru 315217 u ċċaqilqu l-karozzi. Ix-xhud qal li Darmanin kienet irrifjutat li tiffirma r-riżultat tat-test tal-breathalyzer u ma kienux talbuha raġuni għal tali rifjut. Jgħid li kienu nbdew il-proċeduri kontra Darmanin fl-14 ta' Settembru 2021, u li huwa ma għamilx aktar investigazzjonijiet għajr għat-test tal-breathalyzer.

In kontro-eżami, meta mistoqsi jekk jafx f'liema kundizzjoni kienet Darmanin waqt li kienet qiegħda ssuq, ix-xhud PS1405 Dylan Gerada jgħid li huwa mar fuq il-post tal-inċident u għamel it-test tal-breathalyzer tnax-il minuta wara li sar ir-rapport tal-ħabta. Jikkonferma li hu ma kienx magħha meta kienet qed issuq u li l-karozza kienet ġia maħbuta meta wasal fuq il-post. Huwa kkonferma li meta marru fuq il-post, il-Pulizija

[12] Fol. 77 tal-proċess;

[13] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar id-09 ta' Mejju 2022, a fol. 78 u 79 tal-proċess,

[14] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar it-28 ta' Ġunju 2022, a fol. 195 sa 201 tal-proċess, u kopja tar-rapport tal-Pulizija tal-inċident a fol. 202 sa 206 tal-proċess;

kellhom suspett raġionevoli li Darmanin setgħet kienet taħt l-influwenza tal-alcohol. Ikkonferma li kien hu stess li għamel ir-rapport mill-bidu sal-aħħar. Jgħid li huwa ra lil Darmanin bil-qiegħda fuq ċint tħares fiss u jgħid li s-sentenzi tagħha ma kienux jagħmlu sens. Meta mistoqsi jekk Darmanin kienetx 'f'sikkitha' meta ngħatat id-drittijiet tagħha, huwa jgħid li ma jiftakarx kif kienet dakinhar. Jgħid li hi rrifjutat id-dritt ta' Avukat, u għalhekk la kienet irrifjutat dan id-dritt ta' avukat, huwa ma saqsihiex jekk fehmitux jew le. Qal li ma kellux il-formula tar-rifjut tad-dritt tal-avukat miegħu fuq il-post, u li kien hemm il-PC1411 u PC2388 preżenti meta ta lil Darmanin id-dritt tal-avukat. Huwa qal li ma kienx jaf bl-eżitu tal-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Darmanin għaliex ma jsegwuhomx.

In ri-eżami, huwa qal li ma rriżultax li kien hemm ħadd ieħor riekeb ma' Darmanin fil-karozza fil-ħin tal-inċident.

Rat li reġa xehed il-PS1405 Dylan Gerada,[15] ippreżenta chit tar-riżultat tal-breathalyzer u qal li sar it-test fil-25 ta' Awwissu 2021 lil Gail Darmanin li kienet qiegħda ssuq il-vettura ACQ7292 u li skont it-test kellha volum ta' alkoħol ta' 114.1ug/100ml.

In kontro-eżami huwa qal li jkun ħa d-dettalji tal-persuna hu stess u daħħalhom fis-sistema tal-breathalyzer huwa stess. Qal li d-dettalji huma tajbin u n-numru tal-karta tal-identità jaqbel mal-isem tal-persuna.

Rat ix-xiehda ta' PC2388 Graziella Formosa[16] fejn tgħid li hija kienet qiegħda tassisti lil PS1405 fuq l-inċident li seħħ fil-25 ta' Awwissu 2021 fi Triq San Anard Ħal Tarxien, u dan peress li kien hemm mara nvoluta, u ċioè Gail Darmanin xuffier tal-vettura bin-numru ACQ729. Hi tispjega li meta raw kif kienet qiegħda tirreaġixxi Darmanin, is-surġent taha d-drittijiet tagħha kollha relatati mat-test tal-breathalyzer u jekk tridx tkun assistita minn avukat. Jgħid li kienu infurmaw lil Darmanin li se jittieħu proċeduri kriminali peress li rriżulta 114.1ug. Hi tgħid li ma għamiltx investigazzjonijiet oħrajn, u peress li ma weġġa ħadd a kawża tal-inċident, ir-rapport tal-inċident sar mill-wardens. Ikkonfermat li ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront ta' Darmanin.

In kontro-eżami hi kkonfermat li hi ma ratx lil Darmanin issuq u kienet identifikatha bħala Gail Darmanin għaliex meta staqsietha għall-isem tatha dak l-isem. Meta mistoqsija jekk Darmanin kenitx 'f'sikkitha', hi wieġbet li ma tiftakarx eżatt. Qalet li

[15] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar l-24 ta' Ottubru 2022, a fol. 219 sa 221 tal-proċess, kif ukoll iċ-chit u kopja tagħha a fol 222 u 223;
[16] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar it-28 ta' Ġunju 2022, a fol. 207 sa 211 tal-proċess;

Darmanin kienet ħafja, u li kienet qalet lil Darmanin biex ma tibqax timxi u toqgħod bil-qiegħda biex ma tweġġax. Meta mistoqsija jekk tafx tgħid li s-surġent kien raha mixja b'dan il-mod, hi wieġbet li ma tafx għaliex seta' kien qiegħed ikellem lill-wardens dak il-ħin. Ix-xhud iddikjarat li kienet ħdejn is-surġent tassistih meta kien taha d-dritt tal-avukat lil Darmanin, iżda ma tiftakarx ir-reazzjoni ta' Darmanin, ftakret li kienet ingħatat id-dritt ta' avukat u rrifjutat dan id-dritt, u li sar il-breathalyzer. Dan ir-rifjut ma kienx bil-miktub għaliex kienu fuq barra u ma kellhomx karti fuqhom, tgħid li marru fuq il-post xi ħames minuti wara.  Hi kkonfermat li nħarġu c-charges kontra Darmanin mis-surġent.

Rat id-digriet kamerali ta' din il-Qorti diversament preseduta ta' nhar il-05 ta' Lulju 2022 fejn laqgħet l-oġġezzjoni tal-intimata u ddikjarat li Casey Camilleri mhuwiex xhud ammissibbli f'dawn il-proċeduri stante li kien fl-awla waqt id-depożizzjoni ta' Joseph Cassar.[17]

Rat l-affidavit ta' David Debono, li huwa manager mas-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited,[18] u kkonferma li Darmanin kienet iffirmat l-iskeda u l-proposal form datat 13 ta' Frar 2020 ippreżentata fis-seduta tad-09 ta' Mejju 2022 u mmarkata 'Dok DD1' u ppreżenta l-kopja tal-polza applikabbli għal Darmanin.[19]

Rat l-affidavit ta' Antoine Portelli, li huwa konsulent finanzjaru fi ħdan Montaldo Insurance Agency Limited,[20] u kkonferma li nħareġ ċekk ta' €5,500 f'isem Casey Camilleri, liema ċekk issarraf.

Semgħet il-kontro-eżami ta' Joseph Cassar[21] fejn qal li Montaldo Insurance Agency ħallset, u Laferla Insurance kienu kellmuhom fuq talba għal injury claim u kienu bagħtu għar-rapport tal-pulizija fejn irriżulta li l-livell tal-alkoħol kien għoli. Huwa qal li Laferla kienu kelmuhom wara li Montaldo Insurance Agency ħallset lit-terz, Casey Camilleri, għal Settembru 2021. Huwa qal li meta kellu kopja tar-rapport tal-Pulizija ma rriżultax li kien hemm xi ġrieħi u għalhekk ma komplewx jqisu dik il-medical claim. Meta mistqosi jekk jafx li ħabib ta' Casey Camilleri jaħdem ma' Laferla Insurance, huwa qal li ma jafx. Huwa spjega li kien tkellem ma' Darmanin fis-26 ta' Awwissu. L-ewwel li għamlet il-claim kienet Darmanin, u huwa kkonferma li s-soċjetà rikorrenti ntavolat dawn il-proċeduri biex jeżerċitaw id-dritt ta' rivalsa minħabba li jista' jkun li

[17] Fol. 212 sa 214 tal-proċess;
[18] Fol. 229 tal-proċess;
[19] 'Polza ta' assikurazzjoni', a fol. 230 sa 244;
[20] Fol. 245 tal-proċess;
[21] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar l-25 ta' April 2023, a fol. 248 sa 260 tal-proċess;

Darmanin kienet qed issuq fi stat ta' sokor, u li din il-kwistjoni kollha bdiet wara li Montaldo Insurance ħallset lil Casey Camilleri.

Cassar qal illi kien saqsa lil Darmanin jekk kenitx taħt l-influwenza tal-alkoħol meta seħħ l-inċident, u hi kienet qaltlu li kienu marru l-Pulizija fuq il-post tal-inċident u ma kinietx semmietlu l-breathalyzer; baqgħet ma semmietlu xejn anke meta s-soċjetà attriċi kienet waslet għall-ammont li se tħallas lil Darmanin, liema somma ma kenitx tħallset minħabba dawn is-suspetti. Huwa kkonferma li lil Darmanin ma kellimhiex dwar l-ammonti li kienu se jitħallsu lil Camilleri. Ix-xhud jikkonferma li kellem lil Darmanin 3 darbiet u kien hemm emails mibgħuta. Huwa kkonferma li kull darba li kellem lil Darmanin hi tindika li kienet qed issuq u tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha u ħabtet ġo vettura wieqfa. Huwa xehed li ma kienx fuq il-post u l-informazzjoni dwar l-inċident u l-kundizzjoni ta' Darmanin huwa ġabarha mir-rapport tal-Pulizija. Ix-xhud qal li huwa tkellem ma' Casey Camilleri, iżda ma kienx jaf jekk Camilleri kienx fuq il-post fil-ħin tal-inċident. Huwa kkonferma li skont ir-rapport, il-Pulizija marru fuq il-post wara li seħħ l-inċident.

Ix-xhud qal li s-soċjetà ħallset lil Casey Camilleri s-somma ta' €5,500 u ġabret lura €200 tal-karozza; u dan wara għamel il-valutazzjoni surveyor. Huwa kkonferma li qagħad fuq il-kalkoli tas-surveyors, u ma kienx f'pożizzjoni li jikkummenta fuq il-valutazzjonijiet magħmula f'dawn ir-rapporti.

Rat li soċjetà attriċi ddikjarat li qiegħda tagħlaq il-provi tagħha waqt is-seduta ta' nhar il-25 ta' April 2023[22]

Rat il-provi mressqa mill-konvenuta, fejn reġa xehed Mario Cumbo[23] head of motor assessors Mapfre Middlesea li jgħid li huwa ma kienx ra l-karozza nvoluta f'dan l-inċident u raha l-kollega tiegħu u kkonsulta miegħu meta ġew biex jaħdmu fuq l-istima, u ħadimha Maurice Azzopardi, anke l-prezzijiet tal-parts sabhom Azzopardi, u jikkalkolaw il-prezz tagħhom fuq replacement value tal-istess tip u sena. Spjega li jittieħed prezz medju. Jgħid li l-valur ta' kemm kienet assigurata l-vettura li sofriet ħsarat mhuwiex relevanti peress li kien Third Party, u jkun irid jitħallas fuq ir-replacement value mhux fuq is-sum insured. Jgħid li wreck value ma tiġix ikkalkulata fuq kull oġġett formanti parti mill-vettura, iżda bħala prezz wieħed. Jekk il-vettura tkun ta' periklu ma terġax titqiegħed fuq it-triq, tinbiegħ bħala wreck biex jiġu meqruda. Jgħid li huwa qatt ma tkellem jew ikkomunika ma' Darmanin.

[22] Fol 247 tal-proċess

[23] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar it-12 ta' Lulju 2023, a fol. 266 sa 271 tal-proċess;

Semgħet ix-xiehda ta' Maurice Azzopardi,[24] li ddikjara li huwa surveyor indipendenti. Saritlu riferenza għar-rapport ippreżentat minnu[25], fejn ikkonferma li wreck value tal-karozza jingħata meta l-karozza ma jkunx jaqbel ekonomikament li terġa' tissewwa, tiżżarma jew jittieħdu parts minnha, u l-karozza tintrema'. Huma ngħataw €200 u jikkonferma li din is-somma tirriżulta minn ftehim bejn l-assikurazzjoni u l-kumpanija li tieħu l-karozzi. Meta mistoqsi dwar kif wasal għall-valur ta' €5500 li tħallas lit-terz, ix-xhud qal li dak ikun inħadem billi jara vettura simili kemm tiswa fuq is-suq u peress li Malta ma kienx hawn bħalha huwa kellu jfittex l-Ingilterra u żied it-taxxa u shipping. Meta mistoqsi dwar il-milage tal-vetturi huwa qal li kien hemm diversi karozzi li jkollhom milage differenti, u dan jaffettwa l-prezz, tant illi kien hemm minnhom bil-prezz ta' 999 Sterlina u oħra 1800 Sterlina, waħda biss kienet taqbeż 5900 Sterlina. Meta kien reġa mistoqsi kif wasal għall-valur ta' €5500, huwa qal li jittieħed prezz medju tal-prezzijiet kemm qiegħdin jinbiegħu dawk it-tip ta' karozzi fil-mument tal-inċident, flimkien mat-taxxa li trid titħallas hawn Malta, kif ukoll shipping u spejjeż oħrajn bħal log book u VRT. Huwa spejga li l-kumment fuq ir-rapport tiegħu a fol. 40 tal-proċess, li jindika l-prezz tal-vettura bħala bejn €2000 u €2500 u ma jindikax il-prezz preċiż tal-vettura peress li ma jkunx ra l-vettura hu stess. Jgħid li hu ġabar din l-informazzjoni minn reklami tal-karozzi fl-Ingilterra, li ma jkunx jinkludi taxxi ta' reġistrazzjoni jew taxxi oħrajn; lanqas ma kien ikkomunika mal-persuni li għamlu r-reklam jekk il-prezzijiet kienu negozzjabbli jew le.

Semgħet ix-xiehda ta' Marica Mifsud, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali,[26] li ppreżentat il-kopja tal-proċess tal-proċess kriminali fl-ismijiet Puliizja vs Gail Darmanin deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kiminali – Seduta tat-Traffiku[27] li permezz tagħhom Darmanin ġiet liberata minn kull akkuża miġjuba kontriha fir-rigward ta' sewqan mingħajr il-kontroll sħiħ tal-vettura u dan permezz tad-deċiżjoni meħuda nhar il-05 t'April 2022.[28]

Semgħet ix-xiehda ta' PC2388[29] li kkonfermat li marret fuq il-post tal-inċident nhar il-25 ta' Awwissu 2021 u kienet mas-surġent waqt li għamel it-test tal-breathalyzer lil Darmanin. Tgħid li Darmanin kienet ingħatat id-dritt tal-avukat qabel ma sar it-test, u s-surġent kien spjegalha li għandha tonfoħ fil-magna biex isir it-test. Meta mistoqsija

[24] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar it-12 ta' Lulju 2023, a fol. 272 sa 277 tal-proċess;
[25] Fol. 240 et seq tal-proċess;
[26] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar id-29 ta' Jannar 2024, a fol. 301 u 302 tal-proċess;
[27] Fol. 283 sa 300 tal-proċess;
[28] Fol. 299 tal-process;
[29] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2024, a fol. 315 sa 317 tal-proċess;

jekk avviċinatx lil Darmanin, wieġbet li kienet fuq il-post biex it-test isir fil-preżenza ta' mara. Ma ftakritx fejn kienet eżatt Darmanin meta waslu fuq il-post, u kien biss wara li din il-Qorti fakkret lix-xhud x'intqal waqt id-depożizzjoni oħra tagħha li tgħid li ftakret u kkonfermat dak li xehdet, u ċioè li Darmanin kienet mixja u tixxengel u li PC2388 qaltilha biex toqgħod bil-qiegħda biex ma tweġġax.

Semgħet ix-xhieda ta' PC1411 Keith Buttigieg[30] fejn huwa qal li fil-25 ta' Awwissu 2021, kien qiegħed tal-għassa u kienu ġew infurmati mill-kamra tal-kontroll li kien hemm ħabta fi Triq San Anard li dak iż-żmien kienet tagħmel parti miż-Żejtun, marru fuq il-post u kien hemm karozza li kienet ipparkjata u oħra li kienet qiegħda tiġi misjuqa minn Darmanin li daħlet ġo fiha. Jgħid li kienu fuq il-post hu bħala x-xufier u s-surġent. Huwa stqarr li ma ra ebda karozzi jinstaqu, u l-ħabta kienet diġà seħħet meta waslu fuq il-post. Jgħid li s-surġent kompla bil-proċess tat-test tal-breathalyzer, u hu u Pulizija ieħor marru fit-truf tat-triq sabiex jiggwidaw it-traffiku. Hu qatt ma resaq lejn Darmanin u qatt ma kellimha. Hu ma assistiex fit-test tal-breathalyzer, però ikkonferma li kien jaf li sar dan it-test lil Darmanin. Huwa qal li ma kienx ra u sema' eżatt x'ġara eżatt qabel ma sar it-test tal-breathalyzer permezz tan-nifs. Huwa qal li l-inċident seħħ viċin ta' kisra fit-triq, u kien perikoluż għall-karozzi li kienu se jgħaddu mit-triq li jista' jaħbat fil-karozzi jew iweġġa lil xi ħadd li kien fuq il-post tal-inċident.

In kontro-eżami, ix-xhud jgħid li skont ir-rapport Darmanin kienet qed issuq vettura tal-għamla Suzuki. Jgħid li l-karozza pparkjata kienet Toyota DBQ226. Huwa qal li l-karozzi maħbuta ma setgħux jinstaqu minn fuq il-post u kellu jiġi tow truck. Jispjega li l-karozza DBQ226 kienet maqlugħa minn ġol-parking, jiġifieri kienet iċċaqilqet bl-impatt. Huwa għaraf lil Darmanin, iżda jikkonferma li ma kienx resaq lejha u ma kienx tkellem magħha. Ix-xhud qal li hi kienet bil-qiegħda fuq ċint meta waslu fuq il-post tal-inċident.

Semgħet ix-xiehda ta' PC1405 Dylan Gerada[31] fejn ikkonferma li f'dan il-każ sar it-test tal-breathalyzer tan-nifs u mhux tad-demm. Ikkonferma wkoll mar-rapport li Darmanin irrifjutat li tiffirma l-irċevuta tat-test tal-breathalyzer. Huwa qal li ma jiftakarx jekk hi kenitx tagħtu raġuni għal tali rifjut.

Rat ix-xiehda tal-konvenuta Gail Darmanin[32] fejn tgħid li hija personal trainer, u minħabba x-xogħol tagħha hi trid iżżomm ma' dieta partikolari. Kienet marret għand

[30] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar 15 ta' Marzu 2024, a fol. 318 sa 323 tal-proċess;
[31] Xiehda mogħtija viva voce waqt is-seduta ta' nhar il-05 ta' Ġunju 2024, a fol. 328 u 329 tal-proċess;
[32] Xiehda mogħtija permezz ta' affidavit ippreżentat nhar il-05 ta' Ġunju 2024, a fol. 333 sa 337, flimkien ma' att ta' ritratti, studji mediċi, korrispondenza ma' Montaldo Insurance u stimi ta' parts, minn fol. 338 sa 379;

oħtha għall-ħabta tad-9:30pm u kienet ħadet tazza nbid, tkellmu ftit u wara telqet biex tmur id-dar. Tgħid illi meta waslet Triq San Anard, kisret l-isteering u ħasset il-karozza tiskidja minn wara, tilfet il-kontroll u daħlet fil-karozza li kienet ipparkjata. Il-konvenuta tgħid li minħabba dan l-inċident infetħet l-airbag u ħadet daqqa ġo rasha, u weġġgħet imneħirha, għajnejha u idejha; kif ukoll sturdiet. Hi qalet li ħarġet mill-karozza u kien hemm min waqaf jagħtiha l-ewwel għajnuna, u wara waslet l-ambulanza u l-pulizija. Tgħid li kienet mifxula sew u f'dik il-kommossjoni marret bilqiegħda fuq iċ-ċint.

Tispjega li meta marru l-Pulizija staqsewha biex jagħmlu t-test tal-breathalyzer u kienet aċċettat li tagħmlu għaliex ma kellhiex x'taħbi. Immedjatament il-Pulizija kienu qalulha li kien ġie livell għoli tal-alkoħol u tgħid li mal-ewwel kienet qaltilhom ma taqbilx mar-riżultat tat-test u ma ffirmatx ir-riżultat. Hi tgħid li bl-ammont minimu ta' alkoħol li ħadet ma setgħax ikun li jiġi daqshekk għoli u tgħid li anke qalet lill-Pulizija biex terġa tagħmel it-test iżda huma rrifjutaw. Kompliet billi qalet li ma marritx l-isptar mal-ambulanza peress li kienet qiegħda tħossha tajba u riedet tikkoordina t-towing tal-karozza. Tgħid li kien wara li telaq kulħadd li waslu l-wardens, u wara kienet ċemplet lil ħuha biex tinfurmah bl-inċident u biex ikunu jistgħu jieħdu l-karozza fil-garaxx tal-ġenituri tagħhom bit-tow truck. Tgħid li l-għada tal-inċident qamet fis-6.00am biex tagħti lezzjoni tal-eżerċizzju u kompliet b'xogħolha.

Il-konvenuta ppreżentat studji dwar l-assimilazzjoni tal-ikel tan-nies li jkunu jsegwu dieta bħal ma hi tagħha li jgħidu li jaf ikun il-kawża tat-test tal-breathalyzer li jiġi livell għoli.

Fir-rigward tal-inċident, il-konvenuta tgħid li kienet imliet il-claim form ma' Montaldo Insurance Agency u li s-surveyor tas-soċjetà attriċi kien evalwa li tingħata €6,300 bħala danni għall-vettura sabiex issewwiha jew €9,000 jekk tagħtihom il-karozza. Tgħid wara li offrewlha dawn l-għażliet, kienu kellmuha u qalulha li talbu r-rapport tal-Pulizija għaliex kienu rċevew email li kien hemm persuna li weġġgħet a kawża tal-inċident. Il-konvenuta ssostni li ma kien hemm ħadd ieħor fl-inċident u ħadd ma weġġa' minħabba l-inċident  Tgħid li kienet ippruvat tkellem lil Joseph Cassar diversi drabi iżda hu kien jgħidlha li jridu jistennew, iżda meta rċevew ir-rapport tal-Pulizija nfurmaha li minħabba li kien jindika li kienet qiegħda ssuq taħt l-influwenza tal-alkoħol is-soċjetà rikorrenti ma kenitx se tagħtiha l-flus biex tagħmel tajjeb għad-danni li sofriet fil-karozza tagħha. Tgħid illi hi kellha ssewwi l-karozza u ħarġet is-somma ta' €4,010.84 għal tali tiswija.

Rat l-affidavit ta' <u>Dollsy Darmanin</u>, [33] fejn qalet li hija oħt il-konvenuta u kkonfermat li l-konvenuta hija personal trainer u qalet li hija persuna dixxiplinata ħafna u toqgħod

[33] Xehdet permezz ta' affidavit a fol. 382 u 383 tal-proċess;

attenta x'tiekol. Tgħid illi l-konvenuta kienet marret għandha dakinhar tal-inċident għad-9.00pm u kienet offritilha tazza nbid u xorbot ftit minnha u li wara xi siegħa u nofs kienet telqet għaliex l-għada filgħodu kellha l-klijenti. Tgħid li oħtha telqet mingħandha f'sikkitha u mhux fis-sakra, li xi nofs siegħa/siegħa wara li telqet mingħandha kienet ċemplitilha oħtha Gail li kellha nċident bil-karozza, iżda meta offritilha biex tmur tgħinha qaltilha li kollox kien taħt kontroll. Tgħid li Gail kienet tinstema' eċitata imma komposta u kienet taf x'kellha tagħmel. Terġa' ssostni li oħtha Gail ma kenitx xorbot l-ammont ta' alkoħol li ġie mmarkat fil-breathalyzer.

Rat ix-xhieda ta' Kirsten Darmanin[34] li stqarr li huwa ħu l-konvenuta u li kienet ċemplitlu oħtu nhar il-25 ta' Awwissu 2021 u qaltlu bl-inċident, u kienet talbitu biex jgħinha. Jgħid li hu kien mar fuq il-post u jgħid li fl-ebda mument ma dehret jew kienet fis-sakra, tant illi kienet ikkoordinat kollox hi dakinhar stess wara l-inċident. Jikkonferma li l-konvenuta taħdem bħala personal trainer u hija persuna ddixxiplinata ħafna, ma tixrobx alkoħol. Semmietlu li kienet inkwetat bir-riżultat tat-test tal-breathalyzer għaliex ma kenitx xorbot ħlief ftit inbid.

Rat li l-konvenuta ddikjarat li għalqet il-provi tagħha waqt is-seduta ta' nhar l-24 ta' Ġunju 2024.[35]

Rat illi minkejja li s-soċjetà rikorrenti ngħatat l-opportunità sabiex tagħmel il-kontro-eżamijiet u t-trattazzjoni tagħha din ma dehritx għas-seduta.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-konvenuta.

Rat li minkejja li s-soċjetà rikorrenti ngħatat l-opportunità sabiex tressaq is-sottomissjonijiet finali tagħha permezz ta' nota, din ma ressqitx tali nota.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

[34] Xehed permezz ta' affidavit a fol. 384 tal-proċess;
[35] Fol 380 tal-proċess

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi t-talba saret għall-ħlas tas-somma ta' €5395.45 rappreżentanti d-danni u l-ispejjeż ikkaġunati lir-rikorrenti, meta fil-25 ta' Awissu 2021 fi Triq San Anard, Tarxien waqt li l-intimata kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACQ729 tal-marka Suzuki, assigurata ma' Mapfre Middlesea p.l.c., ħabtet ġol-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBQ226 tal-marka Toyota u dan minħabba negliġenza, traskuraġni, imprudenza u non-osservanza tar-Regolamenti relattivi da parti tal-intimata.

Illi mill-provi prodotti u mill-mod kif tmexxiet din il-kawża, irriżulta għal din il-Qorti li minkejja li s-soċjetà rikorrenti nterponiet dawn il-proċeduri għall-ħlas ta' danni subiti minħabba non-osservanza ta' Regolamenti, din l-istess soċjetà rikorrenti fil-fatt qiegħda teżerċita d-dritt ta' rivalsa kontra l-klijenta tagħha stess.

Illi għalhekk il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni magħmula mill-intimata fit-trattazzjoni magħmula għan-nom tagħha li l-mod kif ġie interpost l-avviż promotur huwa għal kollox differenti mill-mod ta' kif tmexxiet din l-azzjoni.

Illi l-Qorti tirreferi għall-prinċipju bażiku adottat mill-ġurisprudenza tagħna tul is-snin li *electa una via non datur recursus ad alteram.* Għalkemm dan il-prinċipju li joriġina mid-Dritt Ruman ma jinsab espress fl-ebda liġi, ġie abbraċċjat mill-Qrati tagħna. Issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Angelo Fenech et. vs. Pawlu Grech et.[36] fejn il-Qorti b'mod skjett qalet li: "*huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri.*"

Illi permezz tal-istess sentenza, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tgħallimna li b'riferenza għal kif għandha tiġi ntavolata kawża: "*(i) l-attur għandu jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għala jkun qiegħed jitlob dak l-oġġett; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni(jiet) kif premess fl-att taċ-ċitazzjoni; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża.*"

Illi l-azzjoni kif interposta kienet għall-ħlas ta' danni minħabba negliġenza jew nuqqas ta' tħaris ta' proċeduri, waqt illi l-provi mressqa mis-soċjetà rikorrenti kienu relatati mal-azzjoni ta' rivalsa kontra l-intimata a kawża ta' ksur ta' obbligi kuntrattwali.

[36] Ċitazz Nru: 2627/2000JRM – deċiż 24 ta' Settembru 2001;

Illi għalhekk l-indoli tal-azzjoni ma segħtux bl-ebda mod jiġu misluta mit-termini tal-avviż kif imressaq. L-azzjoni ġiet saħansitra mressqa b'tali mod li tagħti x'tifhem li l-intimata kienet terza persuna għall-kopertura li kienet qiegħda tagħti l-polza ta' assikurazzjoni, u mhux li kienet hija stess il-persuna assikurata minn din l-istess polza li hija xtrat mingħand is-soċjetà rikorrenti bħala aġenta tas-soċjetà Mapfre Middlesea.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija nhar is-17 ta' Frar 2009[37] li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet attriċi peress li: "*l-atturi huma konfużi fil-kliem li wzaw fit-talbiet tagħhom u dan irendi preġudizzju għall-imħarrkin biex jiddefendu rwieħom kif jixraq minn dak li qegħdin jixluhom bih l-atturi.*"

Fiż-żewġ ipotesi u cioe kemm jekk il-Qorti tqis il-kawża odjerna bħala azzjoni għad-danni u anke jekk bħala azzjoni ta' rivalsa, it-talba attriċi ma tistax tirnexxi.

<u>Azzjoni għad-danni</u>

Kieku l-Qorti kellha tqis il-preżenti bħala kawża għad-danni emerġenti minn inċident stradali, **allura din il-Qorti ma tkunx il-forum kompetenti**. Bil-ħidma tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe l-Att dwar l-Arbitraġġ, it-tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ. Il-parametri ta' din il-kawża jinkwadraw sewwa fi-rekwiżiti mposti minn din il-liġi fir-raba' skeda tagħha sabiex dan iseħħ u cioe
*(a) kolliżjoni bejn vetturi, jew (b) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew (ċ) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli għattrasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u (d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

Dana jingħad ukoll għaliex it-titolu ta' din il-parti jissejjaħ <u>Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur</u>. Dan ifisser illi l-ewwel kriterju li għandu jiġi sodisfatt huwa li l-ħsara in kwistjoni trid tirriżulta minn "traffiku" ossia minn sewqan. Fil-mument li dan il-kriterju jiġi stabbilit u cioe li l-ħsara tkun ikkaġunata minn sewqan, allura wieħed imbagħad jara jekk it-tilwima tinkwadrax taħt xi waħda mis-sub-inċiżi kif ċitati.

[37] Avviż Nru: 488/2004CSH – fl-ismijiet <u>Anthony Grima et. vs. David Micallef</u>;

Dan ir-raġunament huwa konformi wkoll mal-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs. Gevimida Limited[38] fejn ġie ritenut:

*"Ictu oculi, mill-istess intestazzjoni tas-subparagrafu 1.2, il-kontroversja li l-leġislatur jirriżerva b'mod mandatorju lillArbitraġġ huma dawk li għandhom rapport kawżali ma' inċidenti ta' traffiku li jikkaġunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta` ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta` minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess inċident stradali."*

Illi l-fattispeċje ta' dan il-każ, jinkwadraw eżattament skont l-artikoli ċitati mill-Att dwar l-Arbitraġġ u għaldaqstant jattiraw favur tagħhom l-arbitraġġ mandatarju.

Azzjoni ta' Rivalsa

Id-dritt ta' azzjoni għal rivalsa jitwieled mill-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

*"10 (1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza,* ***tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza[39],*** *dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kundizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."*

[38] 13/2009, deċiża fit-23 ta' Ottubru 2009, mill-Onor Imħallef Philip Sciberras;
[39] Enfasi ta' din il-Qorti;

Fis-sentenza mogħtija riċentement mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited vs. Vincent Spiteri[40] intqal:

> *"Il-Qorti tqis li dan l-artikolu tal-liġi jfisser li l-jedd ta' azzjoni tas-soċjetà assikuratriċi, hawnhekk l-appellanta,* ***skatta biss fil-mument li ngħatat is-sentenza li ddeterminat darba għal dejjem min kellu jġorr ir-responsabbiltà għall-inċident awtomobilistiku tas-17 ta' April, 2012, u b'hekk skatta fil-konfront tagħha l-obbligu li tagħmel tajjeb hi għad-danni sofferti mit-terz****, bil-jedd ta' rivalsa kontra l-assikurat tagħha, hawnhekk lappellat. …id-dritt li taġixxi kontra l-assikurat tagħha skatta biss hekk kif ġiet stabbilita darba għal dejjem ir-responsabbiltà talassikurat tagħha, u hija kellha tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-terz, wara li ġew ikkwantifikati dawn id-danni. Kien hemm biss li hija setgħet tintbagħat l-ittra uffiċjali b'interpellazzjoni għal ħlas ta' dejn li huwa ċert, likwidu u dovut, u fl-ebda waqt ieħor qabel."*

Fil-każ odjern huwa fatt inkontestat illi ma kien hemm ebda sentenza ta' natura ċivili mogħtija fil-konfront ta' Gail Darmanin fejn dina ġiet misjuba responsabbli għall-inċident stradali de quo. Is-soċjetà rikorrenti ħallset lit-terz minn jeddha u mingħajr ma ġiet imġiegħla minn ebda sentenza. Ir-rappreżentant tagħha jgħid illi dana sar qabel ma' kienu jafu li r-riżultat tal-breathylser kien wieħed li eċċeda l-massimu permess mil-liġi.

Huwa minnu wkoll li l-intimata ħbiet il-fatt mis-soċjetà rikorrenti li l-inċident ġie investigat mill-Pulizija u dana kif jirriżulta mill-claim form esebita Dok. DD9 fejn hija kkanċellat il-kliem "Police", fl-entrata "Accident was reported to". Jirriżulta wkoll mill-minuti li żamm il-claim handler tal-konverżazzjonijiet li kellu mas-sewwieqa, fejn dina ħbiet li kien sar il-breathylser anke meta speċifikatament ġiet mistoqsija minnu jekk kinitx taħt l-influwenza tal-alkoħol. **Dana juri nuqqas ta' trasparenza u bona fede min-naħa tal-intimata.**

Minkejja dan, il-Qorti hija tal-fehma li dan il-fatt seta' ġie stabbilit mis-soċjetà rikorrenti ferm qabel ma sar il-ħlas lit-terz. Dan għaliex ir-rapport tal-Lesa jindika li fuq il-post ġew ukoll il-Pulizija u allura kien dovut lis-soċjetà rikorrenti li titlob ukoll immedjatament għar-rapport tal-Pulizija sabiex tistabbilixxi eżattament x'ġara. Il-claim form ukoll indikat li seta' kien hemm ġrieħi fuq il-persuna tal-intimata, u allura mhuwiex minnu dak li tgħid is-soċjetà rikorrenti li l-allegazzjoni li seta' kien hemm ġrieħi

[40] Appell Inferjuri Nru 237/2020, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħallef Lawrence Mintoff, b'enfasi ta' din il-Qorti;

kkawżati fl-inċident saret taf biha biss meta ġiet mitkellma minn rappreżentant ta' aġenzija assikurattiva oħra.

Illi fi kwalunkwe każ, jibqa' stat ta' fatt illi s-soċjetà rikorrenti ma ġietx imġiegħla tħallas lit-terz bis-saħħa tal-obbligi tagħha derivanti mill-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi lanqas jekk il-Qorti tqis il-proċediment odjern bħala wieħed ta' rivalsa, l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti ma tista' tirnexxi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet mressqa.

L-ispejjeż huma a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

Moqrija

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur